Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B ►C1 **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 955/2005**

tat-23 ta' Ġunju 2005

li jiftaħ kwota ta' importazzjoni tal-Komunità għal ross li joriġina mill-Eġittu ◄

(ĠU L 348M, 24.12.2008, p. 151)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2019/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006	L 312M	259	22.11.2008
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1996/2006 tat-22 ta' Diċembru 2006	L 322M	433	2.12.2008
►M3	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1456/2007 ta' l-10 ta' Diċembru 2007	L 325	76	11.12.2007

Ikkoreġut minn:

►C1	Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 94 (955/2005)

▼B
▼C1

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 955/2005

tat-23 ta' Ġunju 2005

li jiftaħ kwota ta' importazzjoni tal-Komunità għal ross li joriġina mill-Eġittu

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1785/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 10(2) u 13(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 1 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju, kif emendat bil-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra, biex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka mal-Unjoni Ewropea [2], annessa mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/89/EC [3], jipprovdi għal kwota tariffarja ġdida għall-importazzjoni fil-Komunità ta' 5 605 tunnellata metrika ta' ross li joriġina mill-Eġittu bi tnaqqis ta' 100 % fil-valur tad-dazju doganali kkalkolat skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1785/2003. Għalhekk, dik il-kwota għandha tinfetaħ u għandhom jiġu stabbiliti ċerti regoli għall-ġestjoni tagħha.

(2) Il-kwota għandha tapplika fuq bażi annwali mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, b'effett mill-1 ta' Mejju 2004. Għalhekk, il-kwantità għall-2005 għandha tiġi miżjuda b'mod proporzjonali biex jitqies il-fatt li l-kwota ma kinitx miftuħa fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2004.

(3) Ir-regoli ġenerali dwar liċenzji ta' importazzjoni stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' iffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli [4] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1342/2003 tat-28 ta' Lulju 2003 li jistabbilixxi regoli speċjali u dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' ċereali u ross [5] għandhom japplikaw. Madankollu, bl-għan ta' ġestjoni tajba ta' din il-kwota, għandhom jiġu adottati regoli speċjali li jissupplementaw jew jidderogaw mir-Regolamenti (KE) Nru 1291/2000 u (KE) Nru 1342/2003 fir-rigward tal-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet, il-ħruġ tal-liċenzji, il-preżentazzjoni tal-provi u l-użu tagħhom.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali,

---

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 96.
[2] ĠU L 31, 4.2.2005, p. 31.
[3] ĠU L 31, 4.2.2005, p. 30.
[4] ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1741/2004 (ĠU L 311, 8.10.2004, p. 17).
[5] ĠU L 189, 29.7.2003, p. 12. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1092/2004 (ĠU L 209, 11.6.2004, p. 9).

▼C1

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Qed tinfetaħ bil-preżenti kwota tariffarja annwali taħt dan ir-Regolament għal 5 605 tunnellata metrika ta' ross kopert mill-kodiċi NM 1006, li joriġina mill-Eġittu u li jikkwalifika għal tnaqqis ta' 100 % fil-valur tad-dazju doganali kkalkolat ►M1 b'mod konformi mal-Artikoli 11, 11a, 11c u 11d tar-Regolament (KE) Nru 1785/2003 ◄.

▼M1

_____

▼C1

In-numru tas-serje tal-kwota għandu jkun 09.4097.

▼M1

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1342/2003 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ([1]) japplikaw ħlief jekk ikun hemm xi dispożizzjonijiet kuntrarji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

▼C1

Artikolu 2

1. L-applikazzjonijiet għal liċenzji ta' importazzjoni għandhom ikopru mhux inqas minn 100 tunnellata metrika u mhux iktar minn 1 000 tunnellata metrika ta' ross.

▼M3

Kull applikazzjoni għal liċenzja għandha tindika kwantità f'kilogrammi, mingħajr deċimali.

▼M1

_____

3. B'deroga mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-applikant jista' jippreżenta aktar minn rikjesta waħda għal kull perijodu ta' kwota. Għaldaqstant l-applikant jista' jippreżenta rikjesta għal liċenzja waħda biss f'kull ġimgħa għal kull kodiċi NM bi tmien ċifri.

▼C1

Artikolu 3

1. L-applikazzjonijiet għal liċenzja ta' importazzjoni u l-liċenzji ta' importazzjoni għandu jkun fihom l-entrati li ġejjin:

(a) il-kelma "Eġittu" fil-kaxxa 8, "iva" tkun immarkata b'salib;

(b) waħda mill-entrati elenkati fl-Anness għal dan fil-kaxxa 24.

▼M1

_____

▼C1

3. Minkejja l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1342/2003, il-garanzija għal-liċenzji ta' importazzjoni għandha tkun ugwali għad-dazju doganali kkalkolat ►M1 b'mod konformi mal-Artikoli 11, 11a, 11c u 11d tar-Regolament (KE) Nru 1785/2003 ◄ u tapplika fil-ġurnata tal-applikazzjoni.

▼M3

4. It-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-kuntest tal-kwoti msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament huwa suġġett għall-preżentazzjoni ta' dokument tat-trasport u prova ta' l-oriġini preferenzjali, maħruġin fl-Eġittu u b'rabta mal-lott ikkonċernat, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 4 tal-ftehim Ewromediterranju.

([1]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

▼M3

Artikolu 4

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' importazzjoni għandhom jiġu ddepożitati għand l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kull nhar ta' Ġimgħa, mhux aktar tard mis-13:00 (ħin ta' Brussell).

2. Meta l-kwantitajiet li għalihom isiru applikazzjonijiet matul ġimgħa jaqbżu l-kwantità tal-kwota disponibbli, il-Kummissjoni, skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament 1301/2006, sa mhux aktar tard mir-raba' jum tax-xogħol wara l-aħħar jum għat-tressiq ta' l-applikazzjonijiet, imsemmi fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, għandha tistabbilixxi l-koeffiċjent ta' allokazzjoni tal-kwantiajiet li għalihom ikunu saru l-applikazzjonijiet matul il-ġimgħa li tkun għaddiet, u tissospendi t-tressiq ta' applikazzjonijiet għal liċenzji ġodda ta' l-importazzjoni sa tmiem il-perjodu tal-kwota.

L-applikazzjonijiet imressqa fir-rigward tal-ġimgħa kurrenti jitqiesu li ma jkunux aċċettabbli.

L-Istati Membri għandhom jaċċettaw li l-operaturi, fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi l-koeffiċjent ta' allokazzjoni, jirtiraw l-applikazzjonijiet li għalihom il-kwantità li l-liċenzja jkollha tinħareġ għaliha tkun anqas minn 20 tunnellata.

3. Il-liċenzja ta' importazzjoni għandha tinħareġ fit-tmien jum tax-xogħol wara l-aħħar jum għat-tressiq ta' l-applikazzjonijiet.

B'deroga mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1342/2003, il-perjodu ta' validità tal-liċenzja għandu jkun limitat sa tmiem ix-xahar ta' wara dak li fih tkun attwalment inħarġet.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jibagħtu elettronikament lill-Kummissjoni:

(a) sa mhux aktar tard mit-Tnejn wara l-ġimgħa għat-tressiq ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzji, qabel is-18:00 ħin ta' Brussell, it-tagħrif rigward l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, ordnati skond il-kodiċijiet tan-NM bi tmien ċifri b'turija tal-kwantitajiet totali li jkunu jirrigwardawhom dawn l-applikazzjonijiet.

(b) sa mhux aktar tard mit-tieni jum tax-xogħol wara l-ħruġ tal-liċenzji ta' l-importazzjoni, l-informazzjoni rigward il-liċenzji li jkunu nħarġu, imsemmija fl-Artikolu 11(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, ordnati skond il-kodiċijiet tan-NM bi tmien ċifri b'turija tal-kwantitajiet totali li għalihom ikunu nħarġu l-liċenzji ta' l-importazzjoni, kif ukoll il-kwantitajiet li għalihom l-applikazzjnijiet għal-liċenzji jkunu ġew irtirati skond l-Artikolu 4(2), it-tielet inċiż, ta' dan ir-Regolament.

(c) sa mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' kull xahar, il-kwantitajiet totali li fil-fatt ikunu tqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa b'applikazzjoni ta' din il-kwota matul it-tieni xahar preċedenti, ordnati skond il-kodiċijiet tan-NM bi tmien ċifri. Jekk ma tkun ġiet rilaxxata l-ebda kwantità għaċ-ċirkolazzjoni libera matul dawn ix-xhur, għandha tintbagħat notifika f'dan is-sens, bil-kelma "xejn". Madankollu, din il-komunikazzjoni ma tibqax rikjesta fit-tielet xahar wara d-data ta' limitu tal-validità tal-liċenzji.

▼M1

———————

▼C1

Artikolu7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewoprea*.

▼C1

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M2

ANNESS

Annotazzjonijiet stipulati fil-punt b) ta' l-Artikolu 3 (1)

— *bil-Bulgaru:* Нулева ставка на митото [Регламент (ЕО) № 955/2005]

— *bl-Ispanjol:* Derecho cero [Reglamento (CE) nº 955/2005]

— *biċ-Ċek:* Nulové clo (nařízení (ES) č. 955/2005)

— *bid-Daniż:* Nultold (forordning (EF) nr. 955/2005)

— *bil-Ġermaniż:* Zollsatz Null (Verordnung (EG) Nr. 955/2005)

— *bl-Estonjan:* Nullmääraga tollimaks (määrus (EÜ) nr 955/2005)

— *bil-Grieg:* Μηδενικός δασμός [κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 955/2005]

— *bl-Ingliż:* Zero duty (Regulation (EC) No 955/2005)

— *bil-Franċiż:* Droit zéro [règlement (CE) nº 955/2005]

— *bit-Taljan:* Dazio zero [regolamento (CE) n. 955/2005]

— *bil-Latvjan:* Nodokļa nulles likme (Regula (EK) Nr. 955/2005)

— *bil-Litwan:* Nulinis muito tarifas (Reglamentas (EB) Nr. 955/2005)

— *bl-Ungeriż:* Nulla vámtétel (955/2005/EK rendelet)

— *bil-Malti:* Bla dazju (Regolament (KE) Nru 955/2005)

— *bl-Olandiż:* Nulrecht (Verordening (EG) nr. 955/2005)

— *bil-Pollakk:* Stawka zerowa (rozporządzenie (WE) nr 955/2005)

— *bil-Portugiż:* Direito nulo [Regulamento (CE) n.º 955/2005]

— *bir-Rumen:* Taxă zero [Regulamentul (CE) nr. 995/2005]

— *bis-Slovakk:* Nulové clo (nariadenie (ES) č. 955/2005)

— *bis-Sloven:* Dajatev nič (Uredba (ES) št. 955/2005)

— *bil-Finlandiż:* Tullivapaa (asetus (EY) N:o 955/2005)

— *bl-Iżvediż:* Nolltull (förordning (EG) nr 955/2005).